MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2004

Numru 991/2003

**Il-Pulizija**

**Spettur Morgan Azzopardi**

v

**SEAN ELLUL**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **SEAN ELLUL** ta' ghoxrin sena, iben Mario u Antonia nee Bartolo, imwieled Pieta fil-hmistax ta' Frar, 1983 u residenti fil-fond numru 29, Queens Flat 6, G'Mangia Hill, Pieta detentur tal-karta tal-identita` numru 112783(M) gie imressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha ta' Lulju, 2003 gewwa Wied il-Ghajn, filghaxija kkommetta serq ta' Cashlink card ghad-detriment ta' Clint Portelli minn Birzebbuga, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin.

U aktar talli fil-hamsa ta’ Lulju, 2003 gewwa l-Belt Valletta, filghodu, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-esistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika ghamel qliegh bi hsara ta’ Clint Portelli minn Birzebbuga liema hsara hija ta’ aktar minn mitt lira Maltin izda mhux aktar minn elf lira Maltin.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 27 ta’ Novembru, 2003 esebit fl-atti mmarkat bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi tratta bi procedura sommarja.

Rat illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja kif jirrizulta mill-esami li sarlu ai termini tal-artikolu 370 (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-esami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta nhar is-sitta w ghoxrin ta’ Jannar, 2004 u dan wara li l-istess Ufficjal Prosekutur halef l-akkuzi.

Il-Qorti wisset lill-istess imputat b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu ftit taz-zmien biex jekk ried setgha jerga lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sitta w ghoxrin ta’ Jannar, 2004.

Illi ghalhekk rinfaccjata b’ammissjoni volontarja, espressa u inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu.

Dwar il-piena l-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti, u cioe` qieset ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe` l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-ewwel opportunita` moghtija lilu waqt il-presentata, il-koperazzjoni tal-imputat kif ddikjarat mill-Prosekuzzjoni seduta stante u l-fedina

penali netta tal-imputat bl-ebda tebgha ta' kontravenzjoni jew reat registrat fuqhha, l'eta` zghira tal-imputat w il-fatt illi l-imputat ghamel tajjeb ghad-danni kollha sofferti mill-vittma Clint Portelli u ghalhekk is-socjeta` illum ma soffriet l-ebda danni materjali.

**Illi minhabba l-premess il-Qorti thoss li hemm cirkostanzi li jimmeritaw l-Qorti tapplika provvedimenti tal-artikolu 21 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li qed issib lill-imputat SEAN ELLUL hati tal-akkuzi kollha kif addebitati fil-konfront tieghu, u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar ai termini tal-artikolu 22 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------